MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2011

Numru. 876/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur James Grech]**

**vs**

**Kevin Agius**
**Simon Azzopardi**

**Illum 31 ta' Lulju 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra

**Kevin Agius** ta' 27 sena, bin Amadeo u Rita nee' Cesare, imwieled Pieta' fit-22 ta' Lulju, 1984 u joqghod 193, Triq il-Kuncizzjoni, Msida u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 352184M;

u

**Simon Azzopardi** ta' 26 sena, bin missier mhux maghruf u Sonia (Vincenza) Azzopardi, imwieled Pieta' fit-23 t' April, 1985 u residenti fil-fond numru 17, Flt. 1, Triq l-Ibjar, Valletta u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 277985M.

Akkuzati talli nhar it-30 ta' Lulju 2011 ghal-habta tan-0030hrs gewwa l-Belt Valletta,

1. attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b' hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra diversi persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorità kompetenti,

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurjaw jew heddu, jew ghamlu offiza fuq diversi persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz,

3. u aktar talli qalu fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamlu atti jew gesti oxxeni,

4. u aktar talli kisru volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku,

5. u aktar talli m' obdewx l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorità jew ta' wiehed li inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallewhomx jew fixkluhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b' xi mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmirijiethom, billi ma hallewhomx jaghmlu dak li b' ligi kienu ordnati jew setghu jaghmlu, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ghamel skond il-ligi.

Rat l-artikoli 95, 96, 338(bb)(dd)(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalehkk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhhom qed jinstabu hatja l-imputati, u min-naha l-ohra l-fatt li, ghalkemm kien hemm incident li kien jinvolvi zewg pulizija meta dawn intervjenew biex jikkalmaw sitwazzjoni li nqalghat bejn l-imputati u terzi, dan l-incident ma kienx wiehed gravi u l-imputati wara ftit minuti qaghdu ghall-ordnijiet lilhom mghotija. Inoltre l-pulizija ma kienux qed jippruvaw jarrestaw lill-imputati waqt dan l-incident.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 96, 338(bb)(dd)(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundannahom sitt (6) xhur prigunerija li b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ sena (1).

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza  u x’jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------